**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1061/97

Joseph Mula

vs

Brigadier Forzi Armati ta' Malta

Illum 28 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 u l-1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni minn Bumbardier ghall-Surgent mal-Forzi Armati ta' Malta.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor illi, ir-rikorrent li huwa membru fl-imsemmija Armata ghandu l-grad ta' Bumbardier. Illi huwa f'zewg okkazzjonijiet u cioe' fl-1992 u fl-1993 ma nghatax il-promozzjoni ta' bumbardier ma' l-Armata. Illi ir-rikorrent ihoss

li saret ingustizzja mieghu u dan ghaliex individwi ohra, membri tal-Armata li ghandhom inqas kapacitajiet u servizz minn tar-rikorrent inghataw din il-promozzjoni. Illi fiz-zewg okkazzjonijiet ir-rikorrent ma nghata ebda raguni il ghaliex hu qatt ma ha din il-promozzjoni u individwi ohra kienu nghataw il-promozzjoni in kwistjoni.

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda kollha kif indikati f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat li ir-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta' Bumbardier mal-Forzi armati ta' Malta b'lura mill-1992 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jinghata kumpens f'ammont ta' kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikorrent kien jaghmel parti mit-tieni Regiment meta nhargu l-promozzjonijiet fl-1992 u dawk il-Bumbardieri fit-tieni Regiment li nghataw promozzjoniji ghal Surgent kienu aktar ikkwalifikati mir-rikorrent.

Illi ma sarux promozzjonijiet fl-Armata fl-1993.

Illi kuntrarju ghal dak allegat, ir-rikorrent ma giex imcahhad mill-promozzjoni ta' Bumbardier fl-1993 u dan minhabba li huwa kien diga gie promoss ghal Bumbardier f'Marzu ta' l-1982.

Illi kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, huwa kien inghata raguni valida ghala ma setghax jinghata promozzjoni fl-1992 mill-Ufficjal Kmandant tieghu ta' dak iz-zmien. Ir-rikorrent kien accetta l-ispjega ta' l-istess Ufficjal Kmandant meta dan qallu li r-raguni kienet li n-numru ta' promozzjonijiet li setghu jinghataw minn Bumbardier ghal Surgent kien limitat ghal vakanzi allokati f'dak ir-Regiment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti kollha imsemmija fir-rikors Zied li lehaq bumbardier fl-1982.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri u esebixxa l-lista tal-promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 minn bumbardier ghal surgent fit-tieni regiment. Isem ir-rikorrent jidher muri bil-griz. Ma jfissirx li ha promozzjoni dak in-nhar imma biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni dik il-gurnata.

Zied li lir-rikorrent ma qabzu hadd li kellu Class 3 Education bhalu, dawk li qabzuh kellhom jew Class 1 jew Class 2 u ghalhekk kellhom education superjuri ghal tar-rikorrent. Dwar Joseph Galea u Joseph Vidal xehed li dawn kellhom Third Class Education bhar-rikorrent izda kellhom seniority superjuri ghal tar-rikorrent. Jekk wiehed ihares lejn is-sitt kolonna tara li s-seniority ta` Galea u Vidal tghodd mill-1978 u fil-fatt tar-rikorrent tghodd mill-1982. Dan dejjem fir-rank rispettiv ta` bumbardier. Dwar id-dhul fl-Armata waqt li ta` Galea u Vidal huma rispettivament 1956 u 1958, tar-rikorrent huwa 1976.

Dwar St. John u Cassar seniority r-rikorrent kellu aktar minnhom. Fil-kaz ta` St. John dan kellu Class 1 Education li huwa l-ghola grad ta` edukazzjoni f` dan ir-rigward, hemm Class 1, Class 2 u Class 3; kif ukoll Cassar kellu Second Class

Education jigifieri grad aktar gholi minn tar-rikorrent u jekk thares lejn it-trades tara li tnejn minnhom huma A Trades li huma superjuri ghal B Trades u t-tielet trade huwa Airconditioning Technician A2 li huwa ferm aktar gholi mill-gradi li ghandu r-rikorrent.

Ikkunsidra

Irrizulta car li promozzjonijiet fl-Armata minn Bombardier ghal Surgent ma hargux fl-1993. Ir-rikorrent sostna li hargu u anke ha l-gurament fuq hekk. Dan ma jirrifletti xejn tajjeb fuq ir-rikorrent. Ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li hargu u ghalhekk it-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 l-ewwel haga li t-Tribunal jixtieq jikkummenta fuqha hija s-seniority. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-

Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Mill-iskeda a fol 30 tal-process jirrizulta li kien hemm tlieta biss li qabzu lir-rikorrent; dawn kollha kellhom Army Certificate of Education superjuri ghal tar-rikorrent u tnejn minnhom kellhom 1st Class waqt li hu 3rd. Dak li kellu 2nd Class kellu trades superjuri. Jekk wiehed ihares aktar ‘l fuq fl-iskeda biex jara dawk li saru u kellhom 3rd Class bhalu wiehed jara li s-seniority tar-rikorrent tghodd mill-1976 waqt li ta’ Bonnici mill-1964, ta’ Vidal mill-1968, u Galea mill-1956.

Hu manifest ghalhekk li r-rikorrent ma sofra ebda ingustizzja. L-unika ingustizzja li hemm li gie jahli l-hin tat-Tribunal ghalxejn ghax haseb li hawn minn m’ghandux x’jaghmel.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.